**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' April 2023**

**<u>Rikors numru: 155/2023 AGV</u>**

**RIK. NRU. 155 /2023 AGV:**

**MP U AA**

**v.**

**X**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors Kongunt ta' MP u AA, rispettivament, datat 22 ta' Marzu 2023;**

Jesponu bir-rispett:

1. Illi huma zzewgu fir-Registru Pubbliku ta' Malta fil-Belt Valletta, nhar is-sittax ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (16/08/2014), liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru sebgha zbarra elfejn u erbatax (7/2014) (Dok A);

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

3. Illi huma nfirdu permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Maria Roberta Galea Mamo nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (27/01/2023) (Dok. B) filwaqt li ilhom *de facto* separati minn Awwissu tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022) (klawsola d tal-kuntratt ta' separazzjoni);

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt taghhom li jircievu manteniment minghand xulxin;

**GHALDAQSTANT, in vista tal-premess, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex:**

i. TIPPRONUNZJA l-hall taz-zwieg tal-kontendenti, liema zwieg sehh nhar is-sittax ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (16/08/2014);

ii. TORDNA lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar is- 16 ta' Awwissu 2014**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**